Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

16 ta' Novembru 2023*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/23/KE – Artikolu 1(1) – Żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, ta' negozji jew ta' partijiet minn impriżi jew minn negozji – Trasferiment ta' uffiċċju notarili – Konstatazzjoni tan-nullità jew tan-natura abbużiva tat-tkeċċija ta' impjegati – Determinazzjoni tal-anzjanità għall-kalkolu tal-kumpens – Applikabbiltà ta' din id-direttiva – Kundizzjonijiet"

Fil-kawżi magħquda C-583/21 sa C-586/21,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado de lo Social no 1 de Madrid (il-Qorti Industrijali Nru 1 ta' Madrid, Spanja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-30 ta' Lulju 2021, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Settembru 2021, fil-proċeduri

**NC** (C-583/21),

**JD** (C-584/21),

**TA** (C-585/21),

**FZ** (C-586/21),

vs

**BA,**

**DA,**

**DV,**

**CG,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, O. Spineanu-Matei, J.-C. Bonichot, S. Rodin (Relatur) u L.S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Novembru 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal DA, CG, DV, BA, minn C. Martínez Cebrián, avukat,

– għal NC, JD, TA u FZ minn F. Mancera Martínez u S. L. Moya Mata, avukati,

– għall-Gvern Spanjol, minn A. Gavela Llopis u J. Rodríguez de la Rúa Puig, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u M. Hellmann, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn B.-R. Killmann kif ukoll S. Pardo Quintillán, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2023,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' kawżi bejn NC, JD, TA u FZ (iktar 'il quddiem, flimkien, "NC *et*") u n-nutara BA, DA, DV u CG dwar il-konstatazzjoni tan-nullità jew tan-natura abbużiva tat-tkeċċija tal-ħaddiema rreklutati suċċessivament minn dawn in-nutara.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva 2001/23*

3 Il-premessa 3 tad-Direttiva 2001/23 tipprovdi:

"Huwa neċessarju li jigi pprovdut għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ li jinbidel min jimpjega, b'mod partikulari, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu salvagwardjati."

4 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 jipprovdi:

"(a) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

(b) Bla ħsara għas-subparagrafu (a) u għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Artikolu, ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le.

(ċ) Din id-Direttiva għandha tapplika għal impriżi pubbliċi u privati li huma involuti f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk jaħdmu għall-qligħ kemm jekk le. Ir-riorganizzazzjoni amministrattiva ta' l-awtoritajiet pubbliċi amministrattivi, jew it-trasferiment ta' funzjonijiet amministrattivi bejn awtoritajiet pubbliċi amministrattivi, mhijiex trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva."

5 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Id-drittijiet u l-obbligi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, wara d-data tat-trasferiment, min jagħmel it-trasferiment u min lilu jsir it-trasferiment għandhom ikunu impenjati konġuntement u separatament għar-rigward ta' obbligi li kienu kkawżati qabel id-data ta' trasferiment minn kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment."

6 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. It-trasferiment ta' l-impriża, n-negozju jew xi parti mill-impriza jew negozju m'għandux fih innifsu jikkostitwixixi bażi għal tkeċċija minn min jagħmel it-trasferiment jew minn min lilu jsir it-trasferiment. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tkun ta' xkiel għal tkeċċijiet li jistgħu iseħħu għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' l-organizzazzjoni li jinvolvu bidliet fin-nies li jkunu jaħdmu.

[…]

2. Jekk il-kuntratt ta' l-impjieg jew ir-relazzjoni tax-xogħol jintemmu minħabba li t-trasferiment jinvolvi bidla sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għad-detriment ta' l-impjegat, min jimpjega għandu jitqies bħala responsabbli għat-tmiem tal-kuntratt ta' l-impjieg jew ir-relazzjoni ta' l-impjieg."

*Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012.*

7 Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2012, L 201, p. 107, rettifiki fil-ĠU 2012, L 344, p. 3 u fil-ĠU 2013 L 60, p. 140):

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu 'qorti' jfisser kull awtorità ġudizzjarja u awtoritajiet u professjonisti legali oħra kollha bħal dawn b'kompetenza f'materji ta' suċċessjoni li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji jew jaġixxu taħt delegazzjoni ta' setgħa minn xi awtorità ġudizzjarja jew jaġixxu taħt il-kontroll ta' xi awtorità ġudizzjarja dment li dawn l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħrajn joffru garanziji fir-rigward tal-imparzjalità u d-dritt tal-partijiet kollha li jinstemgħu u dment li d-deċiżjonijiet tagħhom jittieħdu skont il-liġi tal-Istat Membru li fih joperaw:

(a) jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell jew reviżjoni minn awtorità ġudizzjarja; kif ukoll

(b) għandhom forza u effett simili bħal deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja dwar l-istess materja.

[...]"

8 L-Artikolu 62 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament joħloq Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (minn hawn 'il quddiem 'iċ-Ċertifikat') li għandu jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor u għandu jipproduċi l-effetti elenkati fl-Artikolu 69.

2. L-użu taċ-Ċertifikat ma għandux ikun mandatorju.

3. Iċ-Ċertifikat ma għandux jieħu l-post tad-dokumenti interni li jintużaw għal finijiet simili fl-Istati Membri. Madankollu, ladarba jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor, iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-effetti elenkati fl-Artikolu 69 fl-Istat Membru li l-awtoritajiet tiegħu jkunu ħarġuh f'konformità ma' dan il-Kapitolu."

9 L-Artikolu 64 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"Iċ-Ċertifikat għandhu jinħareġ fl-Istat Membru li l-qrati tiegħu għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 4, l-Artikolu 7, l-Artikolu 10 jew l-Artikolu 11. L-awtorità emittenti għandha tkun:

(a) qorti kif definit fl-Artikolu 3(2); jew

(b) awtorità oħra li, skont il-liġi nazzjonali, għandha kompetenza biex tittratta materji ta' suċċessjoni."

10 L-Artikolu 67(1) tal-istess regolament jipprovdi:

"L-awtorità emittenti għandha toħroġ iċ-Ċertifikat mingħajr dewmien f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan il-Kapitolu meta l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi. [...]

L-awtorità emittenti ma għandhiex toħroġ iċ-Ċertifikat b'mod partikolari jekk:

(a) l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu qed jiġu kkontestati; jew

(b) iċ-Ċertifikat ma jkunx konformi ma deċiżjoni li tkopri l-istess elementi."

***Id-dritt Spanjol***

11 L-Artikolu 1 tal-Ley Orgánica del Notariado (il-Liġi Organika dwar in-Nutara), tat-28 ta' Mejju 1862 (Gaceta de Madrid nº 149, tad-29 ta' Mejju 1862, p. 1) jiddefinixxi lin-nutar bħala "l-uffiċjal pubbliku bis-setgħa li jawtentika, skont il-liġijiet, il-kuntratti u l-atti l-oħra extraġudizzjarji" u jżid li "għandu jkun hemm kategorija waħda ta' tali uffiċjali fir-Renju kollu".

12 In-nutara għandhom ikunu affiljati b'mod obbligatorju mar-Régimen Especial de la Seguridad Social de los Trabajadores por Cuenta propia o Autónomos (skema speċjali tas-sigurtà soċjali għall-persuni li jaħdmu għal rashom, jew "RETA") u huma kemm uffiċjali pubbliċi kif ukoll il-persuni li jimpjegaw lill-persuni li jaħdmu għalihom, li magħhom huma jidħlu liberament permezz tal-konklużjoni ta' kuntratti ta' xogħol suġġetti għal-liġi ġenerali tax-xogħol kollha kif ukoll għad-dritt tax-xogħol kollu tal-Unjoni.

13 Skont ir-regoli ġenerali tar-Real Decreto Legislativo 2/2015, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Estatuto de los Trabajadores (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2015, li japprova t-test rivedut tal-Liġi dwar l-Istatus tal-Ħaddiema, tat-23 ta' Ottubru 2015, BOE nº 255 tal-24 ta' Ottubru 2015, p. 100224) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Irjali 2/2015"), in-nutara għandhom jinnegozjaw ftehim kollettivi, ta' portata lokali sas-sena 2010 u ta' portata nazzjonali minn dak iż-żmien 'il quddiem.

14 L-Artikolu 44(1) u (2) tad-Digriet Irjali 2/2015 jipprovdi:

"1. It-trasferiment ta' impriża, ta' ċentru ta' xogħol jew ta' unità ta' produzzjoni awtonoma ta' tali impriża ma jtemmx fih innifsu r-relazzjoni ta' xogħol; il-persuna li timpjega l-ġdida tissostitwixxi fid-drittijiet u l-obbligi tal-persuna li timpjega preċedenti f'dak li jirrigwarda l-kuntratt ta' xogħol u s-sigurtà soċjali, inklużi l-ħlasijiet tal-pensjoni, il-kundizzjonijiet previsti mil-liġijiet speċifiċi applikabbli u, b'mod ġenerali, l-obbligi kollha fir-rigward tal-protezzjoni soċjali kumplimentari li min jagħmel it-trasferiment ikun assuma.

2. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, titqies bħala suċċessjoni tal-impriża t-trasferiment ta' entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, bħala għaqda organizzata ta' riżorsi, għat-twettiq ta' attività ekonomika, kemm jekk ċentrali jew anċillari."

**Il-kawżi prinċipali u d-domanda preliminari**

15 NM *et* ġew impjegati f'uffiċċju notarili li jinsab f'Madrid (Spanja) f'isem nutara differenti li ssuċċedew dan l-istudju. Fit-30 ta' Settembru 2019, DV, in-nutar detentur tal-imsemmi uffiċċju mill-31 ta' Jannar 2015, offra lil NC *et* il-possibbiltà li jaħdmu miegħu fi ħdan l-uffiċċju l-ġdid tiegħu, f'belt oħra, jew li jxolji l-kuntratti ta' xogħol tagħhom. NM *et* għażlu t-tieni għażla u rċevew kumpens għal tkeċċija ekonomika f'każ ta' forza maġġuri.

16 BA nħatar bħala nutar detentur tal-istess uffiċċju notarili fid-29 ta' Jannar 2020. Huwa ħa f'idejh il-ħaddiema impjegati min-nutar preċedenti, bl-istess struttura materjali u kompla jeżerċita l-attività notarili fl-istess post tax-xogħol fejn jinżammu l-atti ddefiniti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali bħala l-kollezzjoni tal-atti pubbliċi u dokumenti oħra miżjuda ma' din il-kollezzjoni kull sena. Fil-11 ta' Frar 2020, BA kif ukoll NC *et* ikkonkludew kuntratt ta' xogħol b'perijodu ta' prova ta' 6 xhur.

17 Fil-15 ta' Marzu 2020, minħabba l-pandemija tal-Covid-19, id-Dirección General de Seguridad Jurídica y Fe Pública (id-Direttorat Ġenerali għaċ-Ċertezza Legali u Ċertifikazzjoni) tal-Ministerio de Justicia (il-Ministeru għall-Ġustizzja, Spanja) adotta deċiżjoni li stabbilixxiet li kienu ser jiġu implimentati biss miżuri urġenti, li l-uffiċji notarili kellhom jadottaw miżuri rrakkomandati mill-awtoritajiet sabiex impjegati ma jidħlux l-uffiċċju u li kienet ser tiġi stabbilita sistema ta' rotazzjoni tal-impjegati. Il-jum ta' wara, NC, TA u JD kienu marru l-uffiċċju notarili sabiex jitolbu lil BA japplika l-miżuri msemmija iktar 'il fuq. BA rrifjuta u, fl-istess jum, bagħat lil NC, lil TA kif ukoll lil JD u, fit-2 ta' April 2020, lil FZ, ittri ta' tkeċċija fejn indika li dawn tal-aħħar ma kinux għaddew mill-perijodu ta' prova tagħhom.

18 NC *et* adixxew lill-Juzgado de lo Social nº 1 de Madrid (il-Qorti Industrijali Nru 1 ta' Madrid, Spanja), li hija l-qorti tar-rinviju, b'talba intiża biex it-tkeċċija tagħhom tiġi kkonstatata bħala nulla, jekk mhux abbużiva, u li l-anzjanità tagħhom tiġi kkalkolata mill-jum li fih huma kienu bdew jaħdmu fl-uffiċċju ta' nutar li eżerċita l-funzjonijiet tiegħu fl-istess uffiċċju bħal BA qabel. BA oppona t-talbiet tagħhom u qies li l-anzjanità tagħhom għandha tibda tiddekorri mill-11 ta' Frar 2020, id-data tal-konklużjoni tal-kuntratti li jorbtuh ma' NC *et*.

19 Il-qorti tar-rinviju tqis li NC *et* ġew impjegati, b'mod mhux interrott, mill-konvenuti fil-kawża prinċipali suċċessivament maħtura bħala nutara fl-istess post li jinsab f'Madrid sat-tkeċċija tagħhom matul is-sena 2020.

20 In-nutara Spanjoli huma uffiċjali pubbliċi, li jaċċedu għal din il-funzjoni wara li jgħaddu minn kompetizzjoni ta' portata nazzjonali perjodikament organizzata mid-Direttorat Ġenerali għaċ-Ċertezza Legali u Ċertifikazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Din il-kompetizzjoni hija suġġetta għal leġiżlazzjoni ġenerali speċjali u l-aħħar avviż ta' kompetizzjoni magħruf kien intiż biex ikopri pożizzjonijiet vakanti minħabba l-irtirar, it-trasferiment, il-leave, il-mewt jew l-assenza ta' kopertura tal-pożizzjoni fi tmiem il-kompetizzjoni preċedenti.

21 Meta nutar itemm l-attivitajiet tiegħu minħabba trasferiment jew irtirar, in-nutar il-ġdid li jissuċċedih, li jista' jibqa' jew le fl-istess uffiċċju, huwa obbligat li jżomm għal 25 sena l-arkivji tal-predeċessur tiegħu u li jagħti l-kopji u l-estratti tal-atti rċevuti minn dan tal-aħħar meta l-persuni kkonċernati jitolbuhomlu, filwaqt li huwa mifhum li huwa abitwali, iżda mhux obbligatorju, li d-detentur il-ġdid tal-post iżomm il-mezzi umani u materjali kollha organizzati

sabiex jissodisfa l-għan tas-servizz pubbliku notarili. Is-sitwazzjoni tal-persunal f'każ ta' tkeċċija ma hija rregolata minn ebda regola speċifika jew minn ebda dispożizzjoni konvenzjonali, ħlief fil-każijiet ta' trasferiment jew ta' leave għal raġunijiet personali tan-nutar.

22 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Lulju 2010, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) ikkonstatat li n-natura ġuridika tal-kariga pubblika assunta min-nutar "ma teskludix l-istatus ta' persuna li timpjega lil dan tal-aħħar, peress li l-kriterji imposti mi[d-Digriet Irjali 2/2015] huma ssodisfatti, li jimplika li huwa għandu jeżegwixxi l-obbligi li l-leġiżlazzjoni tax-xogħol timponi fuq il-persuna li timpjega", u ppreċiżat li "n-nutar ma għandux organizzazzjoni ta' riżorsi umani u materjali li tista' toħloq sitwazzjoni ta' trasferiment ta' impriżi meta jittrażmetti l-uffiċċju li fih huwa assuma l-inkarigu pubbliku li huwa responsabbli għalih, peress li l-ħatriet suċċessivi tiegħu u t-trasferimenti sussegwenti tiegħu jiddependu fuq il-gvern u peress li l-fatt li jinħatar f'uffiċċju partikolari lanqas ma jagħmlu proprjetarju tal-organizzazzjoni kollha partikolari għal dan l-uffiċċju, iżda sempliċement depożitarju tal-atti tiegħu u l-figura viżibbli u ta' direzzjoni tal-missjoni pubblika – u mhux tas-servizz pubbliku fis-sens strett – li titwettaq fih".

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Social nº 1 de Madrid (il-Qorti Industrijali Nru 1 ta' Madrid) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"L-Artikolu 1(1)(a) tad-[Direttiva 2001/23], u, konsegwentement, il-kontenut tal-imsemmija direttiva, huma applikabbli għal sitwazzjoni fejn il-proprjetarju ta' uffiċju nutarili, uffiċjal pubbliku li huwa fl-istess waqt persuna privata li timpjega ħaddiema fis-servizz tagħha u li r-relazzjonijiet tiegħu fil-kapaċità tiegħu ta' persuna li timpjega huma rregolati mid-dritt ġenerali tax-xogħol kif ukoll minn ftehim kollettiv settorjali, jissuċċedi proprjetarju preċedenti tal-uffiċċju nutarili, jiret l-atti, ikompli jeżerċita l-attività fl-istess post ta' xogħol bl-istess struttura materjali, u jkompli jimpjega lill-persunal li kien jaħdem għal dan in-nutar tal-aħħar?"

## Fuq id-domanda preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

24 BA u l-Gvern Spanjol isostnu li d-domanda preliminari hija inammissibbli peress li erba' xhur qabel ma r-rikorrenti kienu impjegati minn BA, ir-relazzjoni ta' xogħol tagħhom ma' DV, in-nutar li ppreċeda lil BA fl-istess uffiċċju, waqfet kontra l-kisba ta' kumpens. Għalhekk, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw għal DV mill-kuntratti ta' xogħol konklużi ma' NC *et* ma baqgħux jeżistu fid-data tat-trasferiment tal-uffiċċju notarili u dawn fi kwalunkwe każ kienu ġew ikkumpensati.

25 Għandu jitfakkar li d-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest regolatorju u fattwali li hija responsabbli sabiex tiddefinixxi, u li l-eżattezza tiegħu ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifikah, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jkun jidher, b'mod manifest, li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli

għad-domandi li jkunu sarulha [sentenza tas-17 ta' Mejju 2023, BK u ZhP (Sospensjoni parzjali tal-proċedura fil-kawża prinċipali), C-176/22, EU:C:2023:416, punt 19 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata].

26 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23, huma biss id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw għaċ-ċedent minn kuntratt ta' impjieg jew minn relazzjoni ta' impjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment ta' impriża li, minħabba dan it-trasferiment, jiġu ttrasferiti liċ-ċessjonarju. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, din id-direttiva ma hijiex intiża biex ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni jew ta' kundizzjonijiet oħra tax-xogħol fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, ISS Facility Services, C-344/18, EU:C:2020:239, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Ċertament, mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, wara l-assenjazzjoni l-ġdida ta' DV, NC *et* xoljew il-kuntratti ta' xogħol tagħhom fit-30 ta' Settembru 2019 u, fil-11 ta' Frar 2020, huma ffirmaw il-kuntratti tagħhom ma' BA, fejn dan tal-aħħar inħatar nutar detentur tal-uffiċċju notarili li DV kien proprjetarju tiegħu.

28 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tindika li NC *et* ipprovdew is-servizzi tagħhom, b'mod mhux interrott mill-24 ta' Mejju 2004 u fuq l-istess post tax-xogħol, lid-diversi nutara maħtura suċċessivament f'dan l-uffiċċju, li magħhom huma kienu marbuta permezz ta' relazzjoni ta' xogħol ordinarja. Hija żżid, f'dan ir-rigward, li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23 għandha bħala konsegwenza ż-żamma tal-anzjanità sa mill-bidu tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom mal-imsemmi studju.

29 Fir-rigward tal-argument tal-Gvern Spanjol li jgħid li d-domanda preliminari hija inammissibbli peress li NC *et* diġà kisbu kumpens minħabba t-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom, għandu jiġi kkonstatat li tali possibbiltà tirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li ma hijiex intiża biex tittrasponi d-Direttiva 2001/23 u għalhekk ma tistax tkun rilevanti għall-finijiet tal-eżami tal-ammissibbiltà tad-domanda preliminari. Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li, skont l-indikazzjonijiet ta' NC *et* waqt is-seduta, u li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, dan il-kumpens kien ġie rrimborsat.

30 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li ma jidhirx b'mod manifest li d-domanda preliminari li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/23 ma għandha ebda rabta mar-realtà tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali jew li l-problema hija ta' natura ipotetika, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 25 ta' din is-sentenza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, din id-domanda għandha titqies bħala ammissibbli.

### *Fuq il-mertu*

31 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 għandux jiġi interpretat fis-sens li din id-direttiva hija applikabbli għal sitwazzjoni li fiha nutar, uffiċjal pubbliku u persuna li timpjega b'mod privat lill-ħaddiema fis-servizz tagħha, jissuċċedi lit-titolari preċedenti ta' uffiċċju notarili, iżomm l-atti tiegħu, il-persunal li kien impjegat minn dan tal-aħħar u jkompli jeżerċita l-istess attività fl-istess bini bl-istess mezzi materjali.

32 L-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2001/23 jipprovdi li din tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew ta' inkorporazzjoni legali.

33 Skont l-Artikolu 1(1)(b) ta' din id-direttiva, jitqies li jikkostitwixxi trasferiment, fis-sens ta' din id-direttiva, meta jkun hemm trasferiment ta' entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi, bl-għan li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew ancillari kemm jekk le. Il-kunċett ta' entità jirreferi għal grupp organizzat ta' persuni u ta' oġġetti li jippermettu l-eżerċizzju ta' attività ekonomika b'għan speċifiku (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Grafe u Pohle, C-298/18, EU:C:2020:121, punt 22).

34 Abbażi tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1)(ċ) tad-Direttiva 2001/23, din tapplika għall-impriżi pubbliċi u privati li jeżerċitaw attività ekonomika, kemm jekk bi skop ta' profitt kif ukoll jekk le. Għall-kuntrarju, skont it-tieni sentenza ta' din id-dispożizzjoni, riorganizzazzjoni amministrattiva ta' awtoritajiet amministrattivi pubbliċi jew it-trasferiment ta' funzjonijiet amministrattivi bejn awtoritajiet amministrattivi pubbliċi ma jikkostitwixxux "trasferiment" fis-sens ta' din id-direttiva.

35 Għalhekk, qabel ma jiġi eżaminat jekk jeżistix trasferiment, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23, għandu jiġi eżaminat jekk l-attivitajiet bħal dawk tan-nutara Spanjoli, jaqgħux taħt il-kunċett ta' "attività ekonomika", fis-sens tal-Artikolu 1(1)(ċ) ta' din id-direttiva.

*Fuq l-eżistenza ta' "attività ekonomika" fis-sens tad-Direttiva 2001/23*

36 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kunċett ta' "attività ekonomika" jinkludi kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti jew ta' servizzi f'suq partikolari. Min-naħa l-oħra, bħala prinċipju, huma esklużi mill-kwalifika ta' "attività ekonomika", l-attivitajiet li jaqgħu taħt l-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' setgħa pubblika, peress li s-servizzi li jinsabu f'kompetizzjoni ma' dawk proposti minn operaturi li għandhom skop ta' profitt jistgħu jiġu kkwalifikati bħala "attivitajiet ekonomiċi", fis-sens tal-Artikolu 1(1)(ċ) tad-Direttiva 2001/23 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Lulju 2017, Piscarreta Ricardo, C-416/16, EU:C:2017:574, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li n-nutara Spanjoli joffru s-servizzi tagħhom fis-suq lil klijenti bi ħlas, peress li dawn is-servizzi jikkonsistu b'mod partikolari, essenzjalment, fl-awtentikazzjoni tal-kuntratti u l-atti extraġudizzjarji oħra. Skont l-indikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea waqt is-seduta, dawn in-nutara jassumu r-riskji finanzjarji relatati mal-eżerċizzju ta' din l-attività.

38 Tali attività taqa', bħala prinċipju, kif indika, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 37 tal-konklużjonijiet tiegħu, taħt il-kunċett ta' "attività ekonomika", fis-sens tal-Artikolu 1(1) (ċ) tad-Direttiva 2001/23.

39 Madankollu, għandu jiġi eżaminat jekk, minħabba ċerti ċirkustanzi oħra li jirriżultaw mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, attivitajiet bħal dawk tan-nutara Spanjoli jikkostitwixxux parteċipazzjoni diretta u speċifika fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika u għandhomx jitqiesu li jaqgħu taħt l-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' awtorità pubblika (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-47/08, EU:C:2011:334, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, peress li din hija esklużjoni għar-regola ġenerali ta' applikabbiltà tad-Direttiva 2001/23, prevista fl-Artikolu 1(1) tagħha, din l-esklużjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, KRI, C-323/22, EU:C:2023:641, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Għalhekk, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel, li n-nutara Spanjoli huma uffiċjali pubbliċi maħtura permezz ta' digrieti ministerjali wara kompetizzjoni.

42 Madankollu, huwa fid-dawl tal-attivitajiet fihom infushom, u mhux fid-dawl tal-istatus tan-nutara fl-ordinament ġuridiku Spanjol, li għandu jiġi vverifikat jekk dawn jeżerċitawx prerogattivi ta' awtorità pubblika (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-47/08, EU:C:2011:334, punt 116).

43 It-tieni, kif ikkonferma l-Gvern Spanjol waqt is-seduta, l-individwi huma liberi li jirrikorru għan-nutar tal-għażla tagħhom. F'dan ir-rigward, għalkemm id-drittijiet tan-nutara huma stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, xorta jibqa' l-fatt li l-kwalità tas-servizzi pprovduti tista' tvarja minn nutar għal ieħor skont, b'mod partikolari, il-kapaċitajiet professjonali, u għalhekk dawn jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni, fatt li ma huwiex karatteristiku tal-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' awtorità pubblika (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-47/08, EU:C:2011:334, punt 117).

44 It-tielet, fir-rigward tal-funzjonijiet eżerċitati min-nutara Spanjoli, il-Gvern Spanjol jindika li dawn huma, b'mod partikolari, kompetenti biex, minn naħa, jawtentikaw l-atti rregolati mid-dritt privat, jiċċelebraw żwiġijiet, ixoljuhom minħabba divorzju, jippronunzjaw separazzjoni kif ukoll jospitaw il-preżentazzjoni, l-awtentikazzjoni, il-ftuħ u d-depożitu ta' testmenti magħluqa fl-atti u, min-naħa l-oħra, għandhom jirrifjutaw li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom f'sitwazzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni Spanjola. F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 1 tar-Reglamento de la organización y régimen del notariado (ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni u s-sistema tan-Notarjat), approvat b'mod definittiv bid-Decreto por el que se aprueba con carácter definitivo el Reglamento de la organización y régimen del Notariado (id-Digriet li japprova b'mod definittiv ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni u s-sistema tan-Notarjat), tat-2 ta' Ġunju 1944 (BOE Nru 189, tas-7 ta' Lulju 1944, p. 5225) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar in-Nutara), iċċitat mill-Gvern Spanjol fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, jirriżulta li, fil-kwalità tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, in-nutar għandu s-setgħa li jagħti n-natura ta' awtentiċità notarili, li, fil-qasam tad-dritt, jistabbilixxi l-awtentiċità u s-saħħa probatorja tal-manifestazzjonijiet tal-volontà espressi mill-partijiet li jidhru fl-att awtentiku redatt skont il-liġi.

45 Huma kemm huma importanti tali attivitajiet ta' interess ġenerali, in-nutara Spanjoli, peress li jeżerċitaw dawn l-attivitajiet f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni, ma jistgħux jitqiesu bħala awtoritajiet amministrattivi pubbliċi, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(ċ) tad-Direttiva 2001/23.

46 Il-fatt li n-nutara jaġixxu billi jsegwu għan ta' interess ġenerali meta jirrifjutaw li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom ma huwiex biżżejjed sabiex l-attività tagħhom titqies li taqa' taħt l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika. Fil-fatt, huwa stabbilit li l-attivitajiet eżerċitati fil-kuntest ta' diversi professjonijiet irregolati jimplikaw ta' spiss, fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, l-obbligu għall-persuni li jeżerċitawhom li jsegwu tali għan, mingħajr ma dawn l-attivitajiet jaqgħu għaldaqstant taħt l-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' awtorità pubblika (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-47/08, EU:C:2011:334, punt 96).

47 Ir-raba', ir-Renju ta' Spanja nnotifika lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 650/2012, bl-għażla tiegħu li jinnomina lin-nutara Spanjoli bħall-awtoritajiet jew il-professjonisti legali l-oħra msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' din id-dispożizzjoni, li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "qorti", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, u jistgħu jadottaw Ċertifikati Ewropej tas-Suċċessjoni skont l-Artikolu 64 ta' dan ir-regolament.

48 Għandu jiġi rrilevat li l-imsemmi regolament jirrigwarda l-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet, l-aċċettazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet kif ukoll il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni u ma jaffettwax, konsegwentement, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1)(ċ) tad-Direttiva 2001/23 (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka, C-575/16, EU:C:2018:186, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Barra minn hekk, il-fatt li n-nutara ta' Stat Membru jaqgħu taħt il-kunċett ta' "qorti", fis-sens tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 650/2012, ma jimplikax li huma jeżerċitaw prerogattivi ta' awtorità pubblika. Skont il-kundizzjonijiet meħtieġa minn din id-dispożizzjoni, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "qorti" mhux biss awtorità jew professjonist legali kompetenti fil-qasam tas-suċċessjoni li jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji, jew jaġixxi bis-saħħa ta' delega ta' setgħat minn awtorità ġudizzjarja, iżda wkoll awtorità jew professjonist legali li jaġixxi biss taħt il-kontroll ta' awtorità ġudizzjarja.

50 Il-kompetenza tan-nutara Spanjoli sabiex joħorġu, skont l-Artikolu 64 tar-Regolament Nru 650/2012, iċ-Ċertifikati Ewropej tas-Suċċessjoni, lanqas ma hija ekwivalenti għal eżerċizzju ta' tali prerogattivi. Minn naħa, mill-Artikolu 62 ta' dan ir-regolament jirriżulta li l-użu ta' dawn iċ-ċertifikati ma huwiex obbligatorju u, min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 67(1)(a) tal-imsemmi regolament, jirriżulta li l-imsemmija ċertifikati ma jistgħux jinħarġu jekk l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jiġu kkontestati.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, li għandha tivverifika l-qorti tar-rinviju, jidher li n-nutara Spanjoli jeżerċitaw attività ekonomika, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(ċ) tad-Direttiva 2001/23.

*Fuq l-eżistenza ta' "trasferiment" fis-sens tad-Direttiva 2001/23*

52 Qabel kollox, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2001/23 hija intiża biex tiżgura l-kontinwità tar-relazzjonijiet ta' xogħol eżistenti fil-kuntest ta' entità ekonomika, indipendentement minn bdil tal-proprjetarju. Il-kriterju deċiżiv sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' "trasferiment", fis-sens ta' din id-direttiva, huwa l-fatt jekk l-entità inkwistjoni żżommx l-identità tagħha, li jirriżulta, partikolarment, mit-tkomplija effettiva tal-operazzjoni tagħha jew mit-teħid tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Strong Charon, C-675/21, EU:C:2023:108, punti 37 u 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

53 F'dan il-każ, BA, wara li nħatar mill-Istat bħala nutar detentur tal-uffiċċju notarili taż-żona ġeografika partikolari, li DV kien titolari tiegħu, impjega lil parti mill-persunal, ħa l-materjal u l-uffiċċji u sar id-depożitarju tal-atti ta' dan l-uffiċċju.

54 Skont l-Artikolu 1 tal-Liġi Organika dwar in-Notarjat, in-nutar huwa l-uffiċjal pubbliku awtorizzat li jawtentika, konformement mal-liġijiet, kuntratti u atti extraġudizzjarji oħra, filwaqt li l-uffiċċju notarili li huwa detentur tiegħu jikkostitwixxi, skont l-Artikolu 69 tar-Regolament dwar in-Notarjat, "stabbiliment pubbliku", li huwa ddefinit bħala "ir-riżorsi umani u materjali kollha organizzati sabiex jissodisfaw [l-]għan [tas-servizz pubbliku notarili]".

55 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li l-fatt li nutar isir id-detentur ta' uffiċċju notarili minħabba l-ħatra tiegħu mill-Istat u mhux abbażi ta' kuntratt konkluż mal-proprjetarju preċedenti tiegħu ma jistax fih innifsu jeskludi l-eżistenza ta' trasferiment, fis-sens tad-Direttiva 2001/23.

56 Fil-fatt, in-nuqqas ta' rabta konvenzjonali bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju, għalkemm jista' jikkostitwixxi indizju li ma seħħ ebda trasferiment fis-sens tad-Direttiva 2001/23, ma jistax ikollu importanza determinanti f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Strong Charon, C-675/21, EU:C:2023:108, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva huwa estiż għall-ipoteżijiet kollha ta' bidla, fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali, tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-operat tal-impriża, li tikkontratta l-obbligi tal-persuna li timpjega fil-konfront tal-impjegati tal-impriża. B'hekk, sabiex tapplika d-direttiva msemmija, ma huwiex meħtieġ li jkun hemm relazzjonijiet kuntrattwali diretti bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju, peress li t-trasferiment jista' jsir permezz ta' parti terza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Strong Charon, C-675/21, EU:C:2023:108, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Għalhekk, il-fatt li t-trasferiment jirriżulta minn deċiżjonijiet unilaterali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u mhux minn qbil ta' intenzjonijiet ma jeskludix l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Strong Charon, C-675/21, EU:C:2023:108, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Fit-tieni lok, il-fatt li huwa biss in-nutar li huwa awtorizzat jeżerċita l-funzjoni pubblika notarili ma jaffettwax l-applikabbiltà ta' din id-direttiva.

60 Fil-fatt, it-trasferiment, fis-sens tad-Direttiva 2001/23, għandu jirrigwarda entità ekonomika organizzata b'mod stabbli li l-attività tagħha ma tikkonċernax sempliċement l-eżekuzzjoni ta' xogħol determinat. Tikkostitwixxi tali entità kull grupp organizzat ta' persuni u ta' elementi li jippermettu l-eżerċizzju ta' attività ekonomika li ssegwi għan speċifiku u li hija strutturata u awtonoma biżżejjed (sentenza tas-6 ta' Marzu 2014, Amatori *et*, C-458/12, EU:C:2014:124, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Issa, kif ġie indikat fil-punt 54 ta' din is-sentenza, skont l-Artikolu 69 tar-Regolament dwar in-Notarjat, l-uffiċċju notarili jikkostitwixxi "stabbiliment pubbliku", li huwa ddefinit bħala r-riżorsi umani u materjali kollha "organizzati" sabiex jissodisfa l-għan tas-servizz pubbliku notarili. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat waqt is-seduta, mingħajr ma ġiet ikkontestata fuq dan il-punt mill-persuni kkonċernati l-oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, li mill-Artikolu 14 tal-II Convenio Colectivo estatal de Notarios y Personal Empleado (it-tieni ftehim kollettiv nazzjonali dwar il-persuni impjegati f'uffiċċji notarili), tal-24 ta' Lulju 2017 (BOE Nru 241, tas-6 ta' Ottubru 2017, p. 97369), jirriżulta li, anki jekk l-uffiċċju notarili jopera taħt il-kontroll tan-nutar, dan iwettaq, permezz tal-impjegati tiegħu, kompiti bħal dawk relatati mal-organizzazzjoni tal-uffiċċju, it-tfassil tad-dokumenti u l-komunikazzjoni mal-klijenti, fir-rigward b'mod partikolari tal-konsultazzjonijiet ġuridiċi li jagħmlu organizzazzjoni awtonoma.

62 F'dan il-każ, minkejja li uffiċċju notarili Spanjol jaġixxi neċessarjament taħt il-kontroll tan-nutar, il-ħatra mill-Istat tad-detentur il-ġdid tiegħu twassal għat-trasferiment tal-istess servizz pubbliku notarili, marbut, b'mod partikolari, mal-ġurisdizzjoni ġeografika partikolari, li kien jeżerċita

d-detentur preċedenti tiegħu. Tali bidla fil-persuna tad-detentur ta' uffiċċju notarili għandha titqies li tikkostitwixxi bidla fit-tmexxija tal-impriża, fatt li fih id-Direttiva 2001/23 hija intiża, skont il-premessa 3 tagħha, biex tipproteġi lill-ħaddiema.

63 Fit-tielet lok, il-bidla tad-detentur ta' uffiċċju notarili ma twassalx neċessarjament għall-bidla tal-identità ta' dan l-istudju.

64 Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjoni taż-żamma tal-identità ta' impriża hijiex issodisfatta, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi ta' fatt kollha li jikkaratterizzaw it-tranżazzjoni kkonċernata, fosthom b'mod partikolari t-tip ta' impriża jew ta' negozju involut, it-trasferiment jew le ta' assi tanġibbli, bħall-bini u l-beni mobbli, il-valur tal-assi mhux tanġibbli fil-mument tat-trasferiment, il-fatt jekk il-maġġoranza tal-persunal tiġix impjegata mill-ġdid jew le mit-tmexxija l-ġdida tal-impriża, it-trasferiment jew le tal-klijentela, kif ukoll il-grad ta' xebh bejn l-attivitajiet eżerċitati qabel u wara t-trasferiment, u t-tul ta' sospensjoni eventwali ta' dawn l-attivitajiet. Madankollu, dawn l-elementi jikkostitwixxu biss aspetti parzjali tal-evalwazzjoni ġenerali li għandha ssir u ma jistgħux, minħabba f'hekk, jiġu evalwati b'mod iżolat (sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Strong Charon, C-675/21, EU:C:2023:108, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Minn dan jirriżulta li l-importanza rispettiva li għandha tingħata lill-kriterji differenti tal-eżistenza ta' "trasferiment", fis-sens tad-Direttiva 2001/23, jinbidel neċessarjament skont l-attività eżerċitata, jew il-metodi ta' produzzjoni jew ta' operazzjoni użati fl-entità ekonomika, fl-istabbiliment jew f'parti mill-istabbiliment inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Strong Charon, C-675/21, EU:C:2023:108, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li entità ekonomika tista', f'ċerti setturi, tiffunzjona mingħajr ebda assi, tanġibbli jew mhux tanġibbli, sinjifikattivi, b'mod li ż-żamma tal-identità ta' tali entità wara t-tranżazzjoni li taffettwaha ma tistax, loġikament, tiddependi fuq it-trasferiment ta' tali assi (sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Strong Charon, C-675/21, EU:C:2023:108, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 F'settur fejn l-attività hija essenzjalment ibbażata fuq il-ħaddiema, li huwa b'mod partikolari l-każ meta attività ma teħtieġx l-użu ta' elementi materjali speċifiċi, l-identità ta' entità ekonomika ma tistax tinżamm lil hinn mill-operazzjoni kkonċernata jekk il-maġġoranza tal-impjegati, f'termini ta' numru u ta' kompetenza, ta' din l-entità ma titteħidx miċ-ċessjonarju preżunt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Strong Charon, C-675/21, EU:C:2023:108, punti 52 u 53 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

68 Din l-analiżi timplika, għaldaqstant, l-eżistenza ta' ċertu numru ta' konstatazzjonijiet ta' natura fattwali, peress li din il-kwistjoni għandha tiġi evalwata *in concreto* mill-qorti nazzjonali fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2001/23, bħal dak tal-protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' bdil fit-tmexxija tal-impriża sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom jinżammu, stabbiliti fil-premessa 3 ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Strong Charon, C-675/21, EU:C:2023:108, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 F'dan ir-rigward, mill-punt 54 ta' din is-sentenza jirriżulta li, skont il-leġiżlazzjoni Spanjola, il-persunal u l-faċilitajiet tal-uffiċċju notarili jikkostitwixxu "stabbiliment pubbliku", li huwa ddefinit bħala li jikkostitwixxi t-totalità tar-riżorsi umani u materjali organizzati sabiex jintlaħaq l-għan tas-servizz pubbliku notarili.

70 L-attività ta' tali uffiċċju notarili hija bbażata prinċipalment fuq il-ħaddiema ta' dan l-istudju, b'tali mod li hija tista' żżomm l-identità tagħha lil hinn mit-trasferiment tiegħu jekk parti essenzjali mill-persunal, f'termini ta' numru u ta' kompetenza, tittieħed mid-detentur il-ġdid tiegħu, li jippermetti lil dan tal-aħħar li jkompli l-attivitajiet tal-uffiċċju notarili.

71 Fil-każ li nutar maħtur bħala detentur ta' uffiċċju notarili jkun ħa parti essenzjali mill-persunal impjegat mill-predeċessur tiegħu u kompla jafdalhom kompiti bħal dawk imsemmija fil-punt 61 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li huwa sar id-detentur ta' uffiċċju notarili, b'mod partikolari ta' post ġeografiku partikolari, ħa l-mezzi materjali kif ukoll il-bini ta' dan l-istudju u sar id-depożitarju tal-atti jindika li l-imsemmi uffiċċju żamm l-identità tiegħu.

72 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-direttiva hija applikabbli għal sitwazzjoni fejn nutar, uffiċjal pubbliku u persuna li timpjega b'mod privat lill-ħaddiema assenjati fl-uffiċċju notarili tiegħu, jissuċċedu lid-detentur preċedenti ta' tali studju, jieħu l-atti tiegħu, kif ukoll parti essenzjali mill-persunal li kien impjegat minn dan tal-aħħar u jkompli jeżerċita l-istess attività fl-istess bini bl-istess mezzi materjali, bil-kundizzjoni li tinżamm l-identità ta' dan l-istudju, u dan għandu jiġi ddeterminat mill-qorti tar-rinviju billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha.

**Fuq l-ispejjeż**

73 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-direttiva hija applikabbli għal sitwazzjoni fejn nutar, uffiċjal pubbliku u persuna li timpjega b'mod privat lill-ħaddiema assenjati fl-uffiċċju notarili tiegħu, jissuċċedu lid-detentur preċedenti ta' tali studju, jieħu l-atti tiegħu, kif ukoll parti essenzjali mill-persunal li kien impjegat minn dan tal-aħħar u jkompli jeżerċita l-istess attività fl-istess bini bl-istess mezzi materjali, bil-kundizzjoni li tinżamm l-identità ta' dan l-istudju, u dan għandu jiġi ddeterminat mill-qorti tar-rinviju billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha.**

Firem